# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 70**

**nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 70 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:17pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
70.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
70.4 Korrispondenza
70.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
70.6 Rapporti;
70.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
70.9 Mozzjonijiet;
70.10 Hruġ ta' Permessi mill-Kunsill għall-Attivitajiet
70.11 Miżura 4.3 u xogħol marbut magħha
70.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Sammut li informa li, minħabba raġunijiet personali, ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta it-talba u għalhekk ser jitniżżel bħala assenti b' apoloġija għal din il-laqgħa.

70.1.1.i F' dan il-punt, fil-5:21pm, daħal id-Deputat Sindku, Eman Vella.

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

70.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku informa li fil-15 ta' Mejju kienet ser issir laqgħa mill-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Agius Decelis fiċ-ċentru ta' matul il-jum tal-lokal.

70.3.2 Is-Sindku informa li kienet ser issir laqgħa mad-Direttur tas-Saħħa Ambjentali dwar iċ-ċimiterju tal-Imġarr fil-jiem li ġejjin.

70.3.3 Is-Sindku informa li dak in-nhar stess ta' din il-laqgħa, kien ġie approvat il-pjan tal-Kunsill għar-rinnovament ta' Ġnien Sant' Anna.

70.3.4 Is-Sindku semma' li kien hemm bżonn li l-Kunsill jara li jaqta' l-ħaxix ħażin peress li wieħed mill-handymen tal-Kunsill jinsab indispost. Il-Kunsill qabel li jinġabu xi kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

**70.4 Korrispondenza**

70.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

70.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mingħand OK Medical għal testijiet b' xejn fuq l-udit offrut lir-residenti tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Dan is-servizz ser jingħata mill-bini amministrattiv tal-Kunsill bejn it-30 ta' Lulju u l-11 ta' Awwissu, bejn id-9 ta' filgħodu u l-5 ta' waranofsinhar, bis-sibt mit-8 ta' filgħodu sal-11 ta' filgħodu. Ser jitqasmu fuljutti fid-dar biex jirrekklamaw dan is-servizz.

70.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talba mingħand l-Mġarr Volleyball Club biex jorganizzaw lejla ta' għotja ta' premjijiet fis-sala tal-Kunsill nhar il-15 ta' Ġunju. Il-Kunsill approva din it-talba.

70.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva rapport u korrispondenza tal-Perit tal-Gvern dwar iċ-Ċikken fil-Ġnejna. Fost l-oħra, ir-rapport jissuġerrixxi li jingħalaq kompletament l-aċċess għaċ-Ċikken ta' ġewwa. Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa fuq il-post biex jiġu evalwati alternattivi oħra.

70.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba dwar attivita' bi' skop li tinġabar għajnuna għal-individwu bi' problemi ta' saħħa. Din l-attivita' ser issir fl-14 ta' Ġunju. Il-Kunsill approva din it-talba, ser joħroġ 'No Objection', ser jgħin billi joffri xi barriers, etc.

**70.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

70.5.1 Il-Kunsillier Clayton Gauci ressaq mistoqsija dwar x' kienu l-aħħar żviluppi dwar Triq il-Kbira u x' kien ser isir dwarha. Is-Sindku irrisponda li kien ser jitlob laqgħa mas-Sur Michael Cohen ta' Transport Malta dwar dan.

**70.6 Rapporti**

70.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**70.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

70.7.1 il-Kunsill iddiskuta l-aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji għas-sena li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017, wara li sar l-awditjar neċċessarji.

70.7.2 Il-Kunsill approva b' mod unanimu dawn l-aġġustamenti, u l-Estimi Finanzjari ikkorreġuti bix jinkludu dawn l-aġġustamenti ġew approvati u ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

70.8.1 Ma kienx hemm Skeda ta' Pagamenti għal din il-laqgħa.

**70.9 Mozzjonijiet**

70.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**70.10 Hruġ ta' Permessi mill-Kunsill għall-Attivitajiet**

70.10.1 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ ta' permess għall-attivitajiet li ksiru fil-lokalita'.

70.10.2 Il-Kunsill għandu jiġi mgħarraf dwar proposti ta' idejat ta' attivitajiet li jkun qed jiġu ppjanati fil-lokalita' ħalli tinżamm lista bid-dati ta' dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill għandu jara li dawn l-attivitajiet ma' jaħbtux ma' xulxin jew qrib ħafna ta' xulxin, ħalli jkunu jistgħu jiġu kkordinati aħjar u ma jtellfux waħda lill-oħra.

**70.11 Miżura 4.3 u xogħol marbut magħha**

70.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, flimkien mad-Deputat Sindku, Eman Vella, kien attenda għas-Seminar dwar il-Miżura 4.3 li ġie organizzat mill-ARPA. L-aktar temi importanti dwar dan is-seminar kienu :

i. irid jinfetaħ kont bankarju mal-Bank Ċentrali ta' Malta biex jiġu amministrati il-flus relatati ma' dan il-proġett;

ii. tista' tintalab estenzjoni tal-konkluzjoni tal-proġett sa wara l-aħħar ta' Ġunju 2018;

iii. jista' jintalab ħlas bil-quddiem sa' massimu ta' 50% tas-somma maqbul fil-kuntratt.

**70.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

70.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:41pm.

70.12.2 Il-Laqgħa numru 71 tal-Kunsill issejħet għat-Tnejn 11 ta' Ġunju 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***